# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2023.

**Kawża Nru. 17**

**Rik. Nru. 35/2023 ISB**

**Noel Anastasi għan-nom ta' Barbon Holdings Limited kif debitament awtorizzat**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrent **Noel Anastasi noe**, intavolat fl-10 ta' Mejju 2023, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:-

*"...tordna li l-isem tal-kumpanija Propgen Holdings Limited jerga jiddahhal fir-Registru tal-Kimpanniji b'dana illi l-*

*kumpanija titqies li kompliet bl-esistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar u dana taht dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li jidhrihla xierqa u opportuni u dana ai termini inter alia tal-artikolu 325 (4) tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta).”*

U dan wara li ppremetta:

1. *Illi l-esponent kien nominat bhala likwidatur tas-societa Propgen Holdings Limited (– C37753). Illi l-kumpanija Propgen Limited tixtieq tibqa topera bhala societa. Illi dan l-ahhar ngab a konjizzjoni tar-rikorrenti il-fatt li l-kumpanija Propgen Holdings Limited  kienet tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-kumpanniji.*

2. *Illi l-kumpanija thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji ai termini tal-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386) b’ f’Ottubru 2022.*

2. *illi r-rikorrenti ma kienx ircieva korrispondenza dwar it-thassir tal-kumpanija.*

3. *illi ir-rikorrenti hass ruhu aggravat bil-fatt li l-isem tal-kumpanija thassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u ghandu kull interess illi l-istess kumpanija terga titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u tibqa topera sakkemm issir il-likwidazzjoni finali. Illi diga gie preparate scheme of final distribution izda billi hemm flus fil-Bank hemm lok li din il-kumpanija terga tiddahhal fir-Registru tal-kumpaniji.*

4. *Illi r-rikorrenti huwa lest li jiehu kull azzjoni mehtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.*

5. *Illi r-rikorrenti hija lesta li tissotometti d-dokumentazzjoni nieqsa kollha u thallas l-penali u/jew spejjes dovuti lir-Registratur u l-ispejjes ta' din il-kawza.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 19).

Rat **id-digriet** tagħha tal-15 ta’ Mejju 2023 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-10 ta’ Lulju 2023 fid-9:30 a.m.

Rat illi fit-28 ta' Ġunju 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 24) bid-dokumenti hemmhekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi in kwantu għall-meriti fattwali ta' din il-kawża l-intimata Reġistratur tirrimetti ruħha għall-provi u għall-ġudizzju abbli ta' din l-Onorabbli Qorti;*
>
> *Illi wara illi r-Reġistratur irċieviet d-dokumentazzjoni mibgħuta lilha għax-xoljiment u għall-kanċellament tal-kumpanija Propgen Holdings Limited (C 37753), wara li kkonfermat illi huma konformi mal-liġi, hija mxiet sabiex tirreġistrahom skont l-Artikolu 401 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*
>
> *Illi għalhekk wara li rreġistrat id-dokumentazzjoni mibgħuta mill-istralċjarju, l-esponenti pproċediet sabiex fit-13 ta' Lulju 2022, tippubblika l-avviż illi l-kanċellament tal-kumpanija kellu jiġi fis-seħħ f'għeluq it-tliet xhur mid-data tal-publikazzjoni tal-avviż imsemmi;*
>
> *Illi ta' min jinnota, illi l-imsemmija soċjeta' ġiet imħassra wara li ġiet xolta volontarjament fit-30 ta' Ġunju 2021 u kkanċellata minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fuq proċedura mibdija mill-kumpanija u l-uffiċjali stess;*

*Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qiegħed jisħaq illi huwa kien ġie appuntat bħala likwidatur tas-soċjeta', iżda fl-istess ħin l-istess kumpanija kienet xtaqet tibqa topera bħala soċjeta;*

*Illi l-esponenti ma tistax tifhem kif ir-rikorrenti kien il-likwidatur tal-kumpanija odjerna u għaldaqstant wieħed għandu jifhem li kien hu stess li lesta l-proċeduri kollha għax-xoljiment u l-istralċ volontarju tal-istess kumpanija u kif fl-istess ħin qed jgħid illi kien wara li huwa nġib a konjizzjoni tal-fatt illi l-kumpanija kienet tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji;*

*Illi għaldaqstant fil-proċeduri odjerni r-rikorrenti qiegħed jitlob sabiex dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-isem tal-kumpanija Propgen Limited jerġa jiddaħħal fir-Reġistru ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda, ta' min wieħed jiġbed l-attenzjoni illi dan ma jistax isir abbażi ta' dana l-artikolu minħabba l-fatt illi hekk kif ingħad iżjed qabel, il-kumpanija ġiet xjolta b'mod volontarju u mhux mir-Reġistratur, abbażi tal-artikolu 325 tal-Att;*

*Illi għalhekk, fl-umli opinjoni tal-esponenti, l-artikolu korrett li kellu jiġi invokat fil-każ de quo kien proprju l-artikolu 300A tal-Att illi jipprovdi rimedju fejn l-istralċ jerġa jinfetaħ mill-ġdid;*

*Illi tajjeb li wieħed jinnota illi minkejja tali pubblikazzjoni, ħadd ma għamel xi tip ta' oġġezzjoni għat-tħassir tal-isem tas-*

*soċjeta' in kwistjoni matul it-tliet xhur fuq imsemmija, iżda tali oġġezzjoni qegħda ssir issa kważi sena wara li l-isem tal-kumpanija tħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi f'każ ta' stralċ volontarju, bħal ma kien dak tal-kumpanija Propgen Limited, l-obbligi u responsabbilitajiet legali tal-istralċjarju huma iktar onerużi. Għaldaqstant, l-istralċjarju irid jassigura ruħu illi l-affarijiet ġew verament iffinalizzati u li jiddetermina illi d-drittijiet u kundizzjonijiet miftehmin tal-kumpanija jkunu verament għaddew, qabel ma jgħaddi għas-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni finali;*

*Illi l-esponenti, bla preġudizzju għas-suespost, tħoss illi kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti dan r-rimedju eċċezzjonali, għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar l-iskop u l-perjodu kif ukoll jingħataw dawk id-direttivi u kundizzjonijiet kollha li hemm bżonn f' dan il-każ sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bżonn;*

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2023, deher l-Avukat Philip Manduca għar-rikorrent u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Lulju 2023, minn fejn jirriżulta illi bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent *ai termini* tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrent, li kien stralċjarju tal-kumpanija **Propgen Holdings Limited (C 37753)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fit-13 ta' Ottubru 2022, qed jitlob illi terga' tiġi restitwita fuq ir-Reġistru.

Illi kif jirriżulta mir-rikors promotur, jinħtieġ illi ssir il-likwidazzjoni finali peress illi hemm *scheme* finali ta' distribuzzjoni u billi hemm flus il-Bank, huwa meħtieġ illi l-kumpanija terġa' tiddaħħal lura fuq ir-Reġistru.

Illi r-rikorrenti ddikjara mill-bidu, sa mir-rikors promotur, illi huwa kien lest li jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Propgen Holdings Limited (C-37753) u fil-fatt iddikjara li lesta tieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tkun f'pożizzjoni li tirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija ġiet mħassra mir-reġistru wara li ġiet xolta volontarjament fit-30 ta' Ġunju 2021 u għaldaqstant ma tistax tiġi ravvivata permezz tal-Artikolu 325(4) iżda *se mai*, permezz tal-Artikolu 300A illi jipprovdi rimedju fejn l-istralċ jerġa' jinfetaħ mill-ġdid.

Oltre minn hekk iżid li f'każ ta' stralċ volontarju l-obbligi u r-responsabbiltajiet legali tal-istralċjarju huma iktar onerużi u l-istess stralċjarju irid jassigura ruħu illi l-affarijiet ġew verament iffinalizzati qabel ma jgħaddi għas-sottomissjonijiet tad-dokumenti finali.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-Qorti trid qabel xejn tosserva illi mill-atti quddiemha ma jirrizultax x'inhu l-interess ta' Barbon Holdings Limited f'dawn il-proċeduri u ma jirriżultax l-involviment ta' din is-soċjetà fil-kumpanija Propgen Holdings Limited.

L-intimat Reġistratur, fir-risposta tiegħu, ma qajjem ebda oġġezzjoni f'dan is-sens. Dan magħdud il-Qorti sejra tikkunsidra illi r-rikorrenti fil-vesti personali tiegħu kien in effetti l-likwidatur tal-kumpanija Propgen Holdings Limited.

Ir-Reġistratur intimat għadda biex issottometta li din il-proċedura kellha ssir *ai termini* tal-Artikolu 300A tal-Kap 386 u mhux l-Artikolu 325(4) tal-

istess KAP tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti għalhekk teħtieġ li qabel xejn teżamina l-għan tal-artikoli ċitati u kif japplikaw jew japplikawx għall-proċeduri odjerni.

Il-Qorti qabel xejn tqis illi jirriżulta mill-atti, provi mressqa mir-Registratur intimat imma mhux ikkontestati, illi:

- Fit-30 ta' Ġunju 2021, ir-Reġistratur intimat kien mgħarraf illi Propgen Holdings Limited kienet qed tagħti avviż illi għaddiet riżoluzzjoni straordinarja datata dakinnhar stess sabiex il-kumpanija tgħaddi minn *voluntary winding up.*

- Dakinhar stess, ir-Reġistratur intimat kien mgħarraf illi l-likwidatur kien ser ikun ir-rikorrent, Noel Anastasi.

- Fit-30 ta' Ġunju 2022, l-istess Noel Anastasi kien informa lir-Reġistratur intimat illi kienu saru l-*liquidation accounts* u l-i*scheme of distribution* approvati mis-soċji f'laqgħa ġenerali straordinarja tat-28 ta' Gunju 2022. Talab illi għalhekk isem il-kumpanija Propgen Holdings Limited C-37753 tiġi *struck off* mir-Reġistru.

- Fit-13 ta' Lulju 2022 saru l-Avviżi relattivi u bil-pubblikazzjoni tat-13 ta' Ottubru 2022, il-kumpanija *de quo* ġiet *struck off*.

Issa, l-**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid testwalment hekk**:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess*

*pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Iżda dan l-artikolu ma jistax jinqara f'vakuum, imma jeħtieġ jinqara' u jiġi applikat fil-kuntest ta' dak li ġie krejat u għalhekk irid jittieħed dejjem fil-kuntest tal-**Artikoli 325(1) (2) u (3)** li jgħidu testwalment hekk:

***325.*** *(1) Meta r-Reġistratur ikollu raġuni biżżejjed biex jaħseb li kumpanija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista' jibgħat lill-kumpanija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpanija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera*

*(2) Jekk ir-Reġistratur jirċievi tweġiba fis-sens li l-kumpanija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jirċevix tweġiba fi żmien xahar minn meta jkun bagħat l-ittra,dan jista' jibgħat lill-kumpanija bil-posta u jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta li, f'egħluq tliet xhur mid-data tal-aħħar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviż, l-isem tal-kumpanija għandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raġuni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Reġistratur ikun sodisfatt li hemm raġunijiet biżżejjed biex ma jipproċedix bit-tħassir, jitħassar minn fuq ir-reġistru, u l-attiv tal-kumpanija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

*(3) Jekk, f'xi każ fejn kumpanija tkun qed tiġi stralċjata volontarjament, ir-Reġistratur ikollu raġuni biżżejjed biex jaħseb jew li ebda stralċjarju ma jkun qed jaġixxi jew li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu stralċjati għal kollox, u li l-prospetti li huma meħtieġa li jsiru mill-istralċjarju skont l-artikolu 322 ikunu tard b'sitt xhur jew iktar, ir-Reġistratur jista' jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta, avviż li f'egħluq tliet xhur mill-aħħar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviż, l-istralċ tal-kumpanija għandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raġuni biex isir*

> *kuntrarju, jitqies li jkun ġie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpanija jitħassar minnfuq ir-reġistru. Ir-Reġistratur għandu jieħu ħsieb jibgħat bil-posta kopja tal-imsemmi avviż lill-kumpanija u lill-istralċjarju, jekk ikun hemm. Malli jagħlaq l-imsemmi żmien ta' tliet xhur l-istralċ tal-kumpanija għandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raġuni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun ġie mitmum u r-Reġistratur għandu jħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-reġistru u l-attiv tal-kumpanija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

B'hekk l-Artikolu 325(4) jikkontempla sitwazzjoni fejn ir-Reġistratur tal-Kumpaniji <u>jkun hu minn jeddu</u> neħħa l-isem tal-Kumpanija minn fuq ir-Reġistru għax tkun fil-fehma tiegħu seħħet waħda mis-sitwazzjonijiet kontemplati mill-istess artikolu. Ta' min jinnota li f'dawn il-każijiet l-*istatus* tal-kumpanija jkun jimmarka bħala *struck off as defunct*. F'dan il-każ il-persuna interessata li l-kumpanija terġa' titqiegħed fir-Reġistru trid tagħti ġustifikazzjoni dwar għaliex dan għandu jsir u ċjoè li jew il-kumpanija ser tiġi in regola mal-Kap 386[1] jew li hemm drittijiet ta' terzi li l-unika mod li jistgħu jiġu enforzati hu billi l-kumpanija terġa' titqiegħed fir-reġistru.[2]

Mill-banda l-oħra l-**Artikolu 300A** jgħid testwalment hekk:

> ***300A*** *(1) Meta fil-kors tal-istralċ ta' kumpanija l-istralċjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija, u l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta jidhrilha xieraq, tordna dik ir-rettifika taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*
>
> *(2) Meta kumpanija tkun għamlet distribuzzjoni lill-azzjonisti tagħha skont skema ta' distribuzzjoni u l-isem ta' dik il-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġstru, kull kreditur li l-pretensjoni tiegħu kontra l-kumpanija ma tkunx ġiet sodisfatta jista', b'rikors, jagħmel talba għal dak li hu dovut lilu mingħand l-azzjonisti tal-kumpanija pro rata għall-ammont li jkun riċevut mill-azzjonisti mad-distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta tikkunsidra hekk xieraq, tordna li jsiru ħlasijiet mill-azzjonisti lil dak il-kreditur taħt dawkil-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa:Iżda f'ebda każ ma għandu azzjonist ikun meħtieġ lijikkontribwixxi għal ammont li jkun iżjed minn dak riċevut minnumad-distribuzzjoni.*

---

[1] Ara **Maurice Vassallo Eminyan v Reġistratur tal-Kumpaniji et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2021
[2] Ara Nazzareno Muliet vs Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji deċiża minn din il-Qorti fil-28 ta' Settembru 2022.

> *(3) Ma jista' jsir ebda rikors taħt dan l-artikolu wara li jgħadduħames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpanija jkun tħassar mir-reġistru.*

B'hekk l-Artikolu 300A jikkontempla sitwazzjoni fejn l-istralċjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija u għalhekk l-iskema ta' distribuzzjoni tkun saret b'mod skorrett. Isegwi għalhekk, li f'dan il-każ il-kumpanija tkun ġiet xolta, u r-Reġistratur tal-Kumpaniji ma jkunx minn jeddu għażel li jneħħi l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru iżda ikun għamel dan wara li tkun saret il-pubblikazzjoni stipulata fl-Artikolu 401 tal-Kap 386.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi verament il-Qorti ma għandiex wisq informazzjoni dwar il-każ odjern u r-raġuni tat-talba, iżda ser tirreferi għal dikjarazzjoni qasira magħmula mir-rikorrenti fir-raba' paragrafu tar-rikors promotur, meta qal "*illi diga' gie preparat scheme of final distribution izda billi hemm flus fil-Bank hemm lok li din il-kumpannija terga' tiddahhal fir-Registru tal-kumpanniji*".

Il-Qorti qed tifhem għalhekk illi mhux ser isir bdil fl-i*scheme of distribution*, iżda jridu jiġu biss żbankati xi flejjes mill-Bank skont dik l-istess skema ta' distribuzzjoni sabiex l-iskema tingħata effett konklussiv u finali.

Għall-Qorti ma hemmx dubju illi l-Artikolu 324(4) tal-KAP 386 mhux applikabbli, izda l-każ odjern jista' jinkwadra fit-*termini* tal-Artikolu 300A tal-istess KAP.

Huwa minnu illi fl-Artikolu 300A il-liġi tgħid illi dan il-provvediment tal-liġi jista' jiġi utiliżżat meta fil-kors ta' stralċ ma jkunx ittieħdu kont ta' xi assi tal-kumpanija, u allura l-Qorti tintalab biex tordna r-retifika tal-iskema ta' distribuzzjoni. Il-Qorti tqis illi strettament il-każ hawnhekk ma jinkwadrax preċiż f'dak li tgħid il-liġi. Ma jirrizultax illi l-flejjes ma ttieħidx kont tagħhom fl-iskema, iżda l-fatt illi ma tqassmux skont l-istess skema ta' distribuzzjoni jammonta, fil-fehma tal-Qorti, għal assi li ma ttiħidx kont tagħhom għal finijiet ta' finalizżazzjoni ta' stralċ tal-kumpanija. Għalhekk mhux ser ikun neċessarju illi ssir retifika, imma ser ikun neċessarju biss illi jingħata effett sħiħ lill-iskema ta' distribuzzjoni billi anke l-flejjes li hemm il-Bank jiġu żbankati u distribwiti skont l-istess skema.

Huwa għalhekk illi l-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' t-talbiet magħmula, mhux *ai termini* tal-Artikolu 325(4) tal-KAP 386, iżda *ai termini* tal-Artikolu 300A, *in ogni caso*, kif ġieli qabel irriteniet din il-Qorti, iż-żewġ provvedimenti

għandhom fattur komuni – dak illi l-kumpanija terġa' titqiegħed lura fuq ir-Reġistru. Hija r-raġuni u l-iskop għaliex illi tvarja.

**Għaldaqstant**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq iċċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, jidhrilha illi jkun ġust illi:

1. Tordna li l-isem **Propgen Holdings Limited (C-37753)** jerġa' jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet kif mitlub sa mhux aktar tard minn ġimgħatejn mil-lum.

2. Tordna illi jerġa' jinfetaħ l-istralċ tal-istess kumpanija **Propgen Holdings Limited (C-37753).**

3. Taħtar lir-rikorrent Noel Anastasi sabiex jassumi l-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi kollha ta' stralċjarju tal-kumpanija **Propgen Holdings Limited (C-37753)**.

4. Tordna lill-istess stralċjarju Noel Anastasi sabiex jagħmel dak kollu li hemm bżonn sabiex:

    a) Jara illi dan il-proċess ta' kontinwazzjoni u finalizzazzjoni tal-proċess tal-istralċ tal-kumpanija **Propgen Holdings Limited (C-37753)** jkun komplut sa żmien massimu ta' <u>sena</u> mil-lum, b'dan illi wara dan il-perjodu r-Reġistratur intimat ikollu s-setgħa illi jerġa' jneħħi isem il-kumpaniji msemmija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji;

    b) F'eventwalità illi **Propgen Holdings Limited (C-37753)** tikkonkludi l-proċess ta' finalizzazzjoni tal-istralċ u l-istralċ ikun jista' jingħalaq u jiġi finalizzat qabel, allura l-istralċjarju maħtur għandu javża b'dan lir-Reġistratur intimat sabiex huwa jkun jista' jgħaddi għat-tneħħija tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji minnufih.

    c) Illi l-Qorti trid tagħmilha ċara li dan il-provvediment bl-ebda mod ma għandu jfisser li bħal donnu l-Qorti tat jew qed tagħti xi *carte blanche* lill-kumpanija de quo u/jew lill-ufficjali tagħha u/jew lill-istralċjarju tagħha sabiex isir xi ħaġa oħra, għajr għal dak hawn deċiż u huwa għalhekk illi l-Qorti qed tagħmilha ċara illi *una volta* ri-integrata fuq ir-Reġistru, il-kumpanija **Propgen Holdings Limited (C-37753)** <u>tista' biss</u>, *entro* l-perjodu massimu hawnhekk

konċess, tara illi jiġu żbankati l-flejjes illi l-kumpanija għandha fil-Bank u tiddistribwihom skont l-iskema ta' distribuzzjoni ġja approvata.

d) Illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija kummerċjali b'responsabbiltà limitata **Propgen Holdings Limited (C-37753)** fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u sabiex jerġa' jikkanċella isem il-kumpanija wara li jsir dak hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tar-rikorrent noe.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**